IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.5.2022
COM(2022) 208 final

ANNEX

ANNESS

ta' [...]

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' *data* personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu

ANNESS

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn' il quddiem imsejħa wkoll "l-Unjoni" jew "UE",

kif ukoll

In-New Zealand,

hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa "il-Partijiet Kontraenti",

Billi:

(1) Billi jippermetti l-iskambju ta' *data* personali bejn l-Europol u l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand, dan il-ftehim ser joħloq il-qafas għal kooperazzjoni operazzjonali msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, filwaqt li jissalvagwardja d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-individwi kollha kkonċernati, inklużi l-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*.

(2) Dan il-ftehim huwa mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta' Assistenza Legali Reċiproka bejn New Zealand u l-Istati Membri tal-UE li jippermettu l-iskambju ta' *data* personali.

(3) Dan il-ftehim ma jimponi l-ebda rekwiżit fuq l-awtoritajiet kompetenti biex jittrasferixxu *data* personali. Il-kondiviżjoni ta' kwalunkwe *data* personali mitluba skont dan il-ftehim tibqa' volontarja.

(4) Il-Ftehim jirrikonoxxi li l-Partijiet japplikaw prinċipji komparabbli ta' proporzjonalità u raġonevolezza. L-essenza komuni ta' dawn il-prinċipji hija r-rekwiżit li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn l-interessi kollha kkonċernati, kemm pubbliċi kif ukoll privati, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkwistjoni. Tali bbilanċjar jinvolvi, minn naħa waħda, id-drittijiet tal-privatezza tal-individwi flimkien ma' drittijiet u interessi tal-bniedem oħrajn u, min-naħa l-oħra, l-objettivi leġittimi kumpensatorji li jistgħu jiġu segwiti, bħall-iskopijiet tal-ipproċessar tad-*data* personali riflessi f'dan il-Ftehim.

Ftiehmu kif ġej:

KAPITOLU I — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1
Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Ftehim huwa li jippermetti t-trasferiment ta' *data* personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand, sabiex jappoġġa u jsaħħaħ l-azzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u dawk ta' New Zealand, kif ukoll il-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra reati kriminali, inkluż il-kriminalità serja u t-terroriżmu, filwaqt li jiżgura salvagwardji xierqa fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, inkluż il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a). "Partijiet Kontraenti" tfisser, minn naħa waħda, l-Unjoni Ewropea, u, min-naħa l-oħra, New Zealand;

(b). "Europol" hija l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi, stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2016/794[1] jew kwalunkwe emenda għalih" ("ir-Regolament dwar il-Europol")";

(c). "Awtorità kompetenti" tfisser, għal New Zealand, l-awtoritajiet domestiċi tal-infurzar tal-liġi responsabbli skont il-liġi nazzjonali ta' New Zealand għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra reati kriminali kif elenkati fl-Anness II ta' dan il-Ftehim ("awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand"), u għall-Unjoni Ewropea, il-Europol;

(d). "Korpi tal-Unjoni" tfisser istituzzjonijiet, korpi, missjonijiet, uffiċċji u aġenziji stabbiliti minn, jew abbażi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, elenkati fl-Anness III;

(e). "Reati kriminali" huma t-tipi ta' reati elenkati fl-Anness I u reati kriminali relatati. Ir-reati kriminali jitqiesu relatati mat-tipi ta' reati elenkati fl-Anness I jekk jitwettqu sabiex jinkisbu l-mezzi biex jitwettqu, jiġu ffaċilitati jew jitwettqu, jew biex tiġi żgurata l-impunità ta' dawk li jwettqu tali tipi ta' kriminalità;

(f). "*Data* personali" tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' suġġett tad-*data*;

(g). "Suġġett tad-data" tfisser persuna fiżika identifikata jew identifikabbli, persuna identifikabbli tfisser persuna li tkun tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal identifikatur bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, data dwar il-post jew identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiku għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna;

[1] Regolament (UE) 2016/794 tfisser ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/JHA, 2009/934/JHA, 2009/935/JHA, 2009/936/JHA u 2009/968/JHA; ĠU L135, 24.5.2016, p. 53.

(h). "*Data* ġenetika" tfisser id-*data* personali kollha relatata mal-karatteristiċi ġenetiċi tal-individwu li jkunu ntirtu jew inkisbu, li tagħti informazzjoni unika dwar il-fiżjoloġija jew is-saħħa ta' dak l-individwu, li tirriżulta b'mod partikolari minn analiżi ta' kampjun bijoloġiku mill-individwu inkwistjoni;

(i). "Ipproċessar" tfisser kwalunkwe operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet li jitwettqu fuq data personali jew settijiet ta' data personali, kemm jekk b'mezzi awtomatiċi jew le, bħall-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew it-tibdil, il-ġbid, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar permezz ta' trażmissjoni, it-tixrid jew modi oħra li jrendu disponibbli, l-allinjament jew il-kombinazzjoni, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

(j). "Informazzjoni" tfisser *data* personali;

(k). "Ksur ta' *data* personali" tfisser ksur tas-sigurtà li jwassal għal qerda aċċidentali jew illegali, telf, bidliet, żvelar mhux awtorizzat ta', jew aċċess għal, *data* personali trażmessa, maħżuna jew ipproċessata b'xi mod ieħor;

(l). "Awtorità superviżorja" tfisser awtorità domestika indipendenti waħda jew aktar li huma, weħidhom jew b'mod kumulattiv, responsabbli għall-protezzjoni tad-*data* skont it-tifsira tal-Artikolu 16 ta' dan il-Ftehim, u li ġew notifikati skont dak l-Artikolu; dan jista' jinkludi awtoritajiet li r-responsabbiltà tagħhom tkopri wkoll drittijiet oħra tal-bniedem.

(m). "Organizzazzjoni internazzjonali" tfisser organizzazzjoni u l-korpi subordinati tagħha regolati mil-liġi internazzjonali pubblika, jew kwalunkwe korp ieħor li huwa stabbilit minn ftehim bejn żewġ pajjiżi jew aktar jew abbażi tiegħu.

Artikolu 3
Finijiet tal-ipproċessar ta' *data* personali

1. Id-*data* personali mitluba u riċevuta skont il-Ftehim għandha tiġi pproċessata biss għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, fil-limiti tal-Artikolu 4(5) u l-mandati rispettivi tal-awtoritajiet kompetenti.

2. L-awtorità kompetenti li tittrasferixxi għandha tindika b'mod ċar, mhux aktar tard mill-mument tat-trasferiment ta' data personali, l-iskop jew l-iskopijiet speċifiċi li għalihom tkun qed tiġi ttrasferita d-*data*. Għal trasferimenti lill-Europol, il-fini jew il-finijiet għal tali trasferiment għandhom jiġu speċifikati f'konformità mal-finijiet speċifiċi tal-ipproċessar stabbiliti fil-mandat tal-Europol.

KAPITOLU II - SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI U PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Artikolu 4
Prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-*data*

1. Kull Parti Kontraenti għandha tipprovdi li d-data personali skambjata skont dan il-Ftehim tkun:

   (a) Ipproċessati b'mod ġust, legali u biss għall-fini li għalih ikunu ġew trasferiti skont l-Artikolu 3;

(b) Tkun adegwata, rilevanti, u limitata għal dak li huwa meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tkun qed tiġi pproċessata;

(c) Preċiża u tinżamm aġġornata; kull Parti Kontraenti għandha tipprovdi li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jieħdu kull pass raġonevoli biex jiżguraw li d-data personali li ma tkunx preċiża, b'kont meħud tal-finijiet li għalihom tiġi pproċessata, titħassar jew tiġi rettifikata mingħajr dewmien żejjed;

(d) Tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal mhux aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom id-*data* personali tkun qed tiġi pproċessata;

(e) Tiġi pproċessata b'mod li jiżgura sigurtà adatta tad-*data* personali.

2. L-awtorità kompetenti li tittrasferixxi tista' tindika, fil-mument tat-trasferiment ta' data personali, kwalunkwe restrizzjoni fuq l-aċċess għaliha jew fuq l-użu li għandu jsir minnha, f'termini ġenerali jew speċifiċi, inkluż fir-rigward tat-trasferiment ulterjuri, tat-tħassir jew tal-qerda tagħha wara ċertu perjodu ta' żmien, jew il-proċessar ulterjuri tagħha. Fejn il-ħtieġa għal tali restrizzjonijiet issir evidenti wara li tkun ġiet ipprovduta l-informazzjoni, l-awtorità kompetenti li tittrasferixxi għandha tinforma lill-awtorità riċeventi b'dan.

3. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li l-awtorità kompetenti riċeventi tikkonforma ma' kwalunkwe restrizzjoni fuq l-aċċess jew l-użu ulterjuri tad-*data* personali indikata mill-awtorità kompetenti li tittrasferixxi kif deskritt fil-paragrafu 2.

4. Kull Parti Kontraenti għandha tipprovdi li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa b'tali mod li jkunu jistgħu juru li l-ipproċessar tad-data se jikkonforma ma' dan il-Ftehim u li d-drittijiet tas-suġġetti tad-data kkonċernati huma protetti.

5. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha ma jittrasferixxux *data* personali li tkun inkisbet bi ksur manifest tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti min-normi tal-liġi internazzjonali li jorbtu lill-Partijiet Kontraenti. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li d-*data* personali riċevuta ma tintużax biex tintalab, tingħata jew tiġi eżegwita piena tal-mewt jew kwalunkwe forma ta' trattament krudili jew inuman.

6. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li jinżamm rekord tat-trasferimenti kollha ta' *data* personali skont dan il-Ftehim u tal-għan jew l-iskopijiet għal tali trasferimenti.

Artikolu 5
Kategoriji speċjali ta' data personali u kategoriji differenti ta' suġġetti tad-*data*

1. It-trasferiment ta' *data* personali fir-rigward ta' vittmi ta' reat kriminali, ta' xhieda jew ta' persuni oħra li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar reati kriminali, jew fir-rigward ta' persuni taħt it-18-il sena, għandu jkun ipprojbit sakemm tali trasferiment ma jkunx strettament meħtieġ u proporzjonat f'każijiet individwali għall-prevenzjoni jew għall-ġlieda kontra reat kriminali.

2. It-trasferiment ta' *data* personali li tiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union, *data* ġenetika,

data bijometrika għall-fini ta' identifikazzjoni unika ta' persuna fiżika, jew *data* dwar is-saħħa, jew data li tikkonċerna l-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika għandu jkun permess biss fejn strettament meħtieġ kif ukoll raġonevoli u proporzjonat f'każijiet individwali għall-prevenzjoni jew il-ġlieda kontra reat kriminali, u jekk dik id-*data*, ħlief *data* bijometrika, tissupplimenta data personali oħra.

3. Il-partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-ipproċessar tad-data personali skont il-paragrafi 1 u 2 ikun soġġett għal salvagwardji xierqa kontra r-riskji speċifiċi involuti, inklużi restrizzjonijiet fuq l-aċċess, miżuri ta' sigurtà addizzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 15 limitazzjonijiet fuq trasferimenti ulterjuri skont l-Artikolu 7.

Artikolu 6
Ipproċessar awtomatizzat ta' *data* personali

Deċiżjonijiet ibbażati unikament fuq ipproċessar awtomatizzat tad-*data* personali skambjata, inkluż it-tfassil ta' profili, mingħajr intervent mill-bniedem, li jistgħu jipproduċu effett legali negattiv fuq is-suġġett tad-*data* jew jaffettwawh b'mod sinifikanti, għandhom ikunu pprojbiti, sakemm ma jkunux awtorizzati fil-liġi għall-prevenzjoni jew il-ġlieda kontra reat kriminali u b'salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data, inkluż mill-inqas id-dritt li jinkiseb intervent uman.

Artikolu 7
Trasferiment ulterjuri tad-*data* personali riċevuta

1. In-New Zealand għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jittrasferixxu biss *data* personali riċevuta skont dan il-Ftehim lil awtoritajiet oħra fi New Zealand jekk:

   (a) L-Europol ikun ta l-awtorizzazzjoni espliċita tiegħu minn qabel;

   (b) L-iskop tat-trasferiment ulterjuri huwa l-istess bħall-iskop oriġinali tat-trasferiment mill-Europol, jew, fil-limiti tal-Artikolu 3(1), huwa direttament relatat ma' dak l-iskop oriġinali; kif ukoll

   (c) It-trasferiment ulterjuri huwa soġġett għall-istess kundizzjonijiet u salvagwardji bħal dawk li japplikaw għat-trasferiment oriġinali.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2), ma hija meħtieġa l-ebda awtorizzazzjoni minn qabel meta l-awtorità riċeventi tkun hija stess awtorità kompetenti ta' New Zealand. L-istess japplika għall-kapaċità tal-Europol li tikkondividi data personali mal-awtoritajiet responsabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra reati kriminali u korpi tal-Unjoni kif elenkati fl-Anness III.

3. In-New Zealand għandha tiżgura li t-trasferimenti ulterjuri ta' *data* personali riċevuti mill-awtoritajiet kompetenti tagħha skont dan il-Ftehim lill-awtoritajiet ta' pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali jkunu pprojbiti, sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) It-trasferiment jikkonċerna *data* personali għajr dik koperta mill-Artikolu 5 tal-ftehim;

(b) L-Europol ikun ta l-awtorizzazzjoni espliċita tiegħu minn qabel;

(c) L-iskop tat-trasferiment ulterjuri huwa l-istess bħall-iskop oriġinali tat-trasferiment mill-Europol, u;

(d) It-trasferiment ulterjuri huwa soġġett għall-istess kundizzjonijiet u salvagwardji bħal dawk li japplikaw għat-trasferiment oriġinali.

4. Il-Europol tista' tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha skont is-subparagrafu 3b għal trasferiment ulterjuri lill-awtorità ta' pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali biss jekk u sa fejn ikun hemm fis-seħħ deċiżjoni ta' adegwatezza, ftehim internazzjonali li jipprovdi salvagwardji xierqa fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, ftehim ta' kooperazzjoni jew kwalunkwe raġuni legali futura oħra għat-trasferimenti ta' *data* personali fis-sens tar-Regolament tal-Europol li jkopri t-trasferiment ulterjuri.

5. L-Unjoni Ewropea għandha tiżgura li t-trasferimenti ulterjuri ta' data personali riċevuta mill-Europol taħt dan il-Ftehim lill-korpi tal-Unjoni Ewropea mhux elenkati fl-Anness III, lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi jew lil organizzazzjoni internazzjonali jkunu pprojbiti, sakemm:

(a) It-trasferiment jikkonċerna data personali għajr dik koperta mill-Artikolu 5 tal-ftehim;

(b) In-New Zealand tat l-awtorizzazzjoni espliċita tagħha minn qabel;

(c) L-iskop tat-trasferiment ulterjuri huwa l-istess bħall-iskop oriġinali tat-trasferiment min-New Zealand, u;

(d) Deċiżjoni ta' adegwatezza, ftehim internazzjonali li jipprovdi salvagwardji xierqa fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi jew ikun hemm fis-seħħ ftehim ta' kooperazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament dwar il-Europol ma' dak il-pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali.

Artikolu 8
Valutazzjoni tal-affidabbiltà tas-sors u l-preċiżjoni tal-informazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw kemm jista' jkun, sa mhux aktar tard mill-mument tat-trasferiment tal-informazzjoni, l-affidabbiltà tas-sors tal-informazzjoni abbażi ta' wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

(1) Fejn ma hemm l-ebda dubju dwar l-awtentiċità, l-affidabbiltà u l-kompetenza tas-sors, jew jekk l-informazzjoni hija fornuta minn sors li, fil-passat, ta prova li huwa affidabbli fis-sitwazzjonijiet kollha;

(2) Fejn l-informazzjoni hija pprovduta minn sors li mingħandu l-informazzjoni riċevuta fil-biċċa l-kbira tal-każijiet uriet li hija affidabbli;

(3) Fejn l-informazzjoni hija pprovduta minn sors li mingħandu l-informazzjoni riċevuta fil-biċċa l-kbira tal-każijiet uriet li mhijiex affidabbli;

(4) Meta l-affidabbiltà tas-sors ma tkunx tista' tiġi vvalutata.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw kemm jista’ jkun, sa mhux aktar tard mill-mument tat-trasferiment tal-informazzjoni, il-preċiżjoni tal-informazzjoni abbażi ta’ wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

(1) Informazzjoni li l-akkuratezza tagħha ma tkunx f’dubju fil-ħin tat-trasferiment;

(2) Informazzjoni magħrufa personalment mis-sors iżda li mhijiex magħrufa personalment mill-uffiċjal li qed jgħaddiha;

(3) Informazzjoni li mhijiex magħrufa personalment mis-sors iżda kkorroborata minn informazzjoni oħra diġà rreġistrata;

(4) Informazzjoni li mhijiex magħrufa personalment mis-sors u li ma tistax tiġi korroborata.

3. Meta l-awtorità kompetenti li tirċievi, fuq il-bażi ta' informazzjoni diġà fil-pussess tagħha, tasal għall-konklużjoni li l-valutazzjoni tal-informazzjoni jew tas-sors tagħha pprovduta mill-awtorità kompetenti li tittrasferixxi f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 teħtieġ korrezzjoni, hija għandha tinforma lil dik l-awtorità kompetenti u għandha tipprova taqbel dwar emenda għall-valutazzjoni. L-awtorità kompetenti li tirċievi ma għandhiex tbiddel il-valutazzjoni tal-informazzjoni riċevuta jew tas-sors tagħha mingħajr tali ftehim.

4. Jekk awtorità kompetenti tirċievi informazzjoni mingħajr valutazzjoni, hija għandha tipprova kemm jista' jkun u fejn possibbli bi ftehim mal-awtorità kompetenti li tittrasferixxi tivvaluta l-affidabbiltà tas-sors jew il-preċiżjoni tal-informazzjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni li diġà tkun fil-pussess tagħha.

5. Jekk ma tkun tista’ ssir l-ebda valutazzjoni affidabbli, l-informazzjoni għandha tiġi evalwata skont il-paragrafu 1(4) u l-paragrafu 2(4) hawn fuq.

ID-DRITTIJIET TAS-SUĠĠETTI TAD-*DATA*

Artikolu 9
Dritt ta’ aċċess

1. Il-partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li s-suġġett tad-*data* jkollu d-dritt, f’intervalli raġonevoli, li jikseb informazzjoni dwar jekk id-*data* personali relatata miegħu hijiex ipproċessata skont dan il-Ftehim, u meta dan ikun il-każ, l-aċċess għal mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) Konferma dwar jekk id-*data* relatata miegħu ġietx ipproċessata jew le;

(b) Informazzjoni tal-anqas dwar il-finijiet tal-operazzjoni ta' pproċessar, il-kategoriji tad-*data* kkonċernata, u d-destinatarji jew kategoriji ta' destinatarji li lilhom ġiet żvelata d-*data*;

(c) L-eżistenza tad-dritt li tintalab rettifika/korrezzjoni mill-awtorità kompetenti jew ikkanċellar/tħassir ta’ *data* personali jew restrizzjoni tal-ipproċessar ta’ *data* personali li tikkonċerna s-suġġett tad-data;

(d) Indikazzjoni tal-bażi legali għall-ipproċessar tad-*data*;

(e) Fejn possibbli, il-perijodu mbassar li matulu d-*data* personali tkun ser tinħażen, jew jekk mhux possibbli, il-kriterji użati biex jiġi ddeterminat dak il-perijodu;

(f) Komunikazzjoni f'forma intelliġibbli tad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata u ta' kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar is-sorsi tagħha.

2. F'każijiet fejn jiġi eżerċitat id-dritt ta' aċċess, il-Parti trasferenti tiġi kkonsultata fuq bażi mhux vinkolanti qabel ma tittieħed deċiżjoni finali dwar it-talba.

3. Il-partijiet Kontraenti jistgħu jipprevedu li l-għoti ta' informazzjoni bi tweġiba għal kwalunkwe talba skont il-paragrafu 1 jiġi ttardjat, irrifjutat jew ristrett jekk u sakemm tali dewmien, rifjut jew restrizzjoni jikkostitwixxu miżura li hija meħtieġa kif ukoll raġonevoli u proporzjonata b'kont meħud tad-drittijiet fundamentali u l-interessi tas-suġġett tad-*data*, sabiex:

(a) Jiżguraw li kwalunkwe investigazzjoni u prosekuzzjoni kriminali ma jiġux ipperikolati; jew

(b) Tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet ta' partijiet terzi, jew

(c) Il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali u l-ordni pubbliku jew il-prevenzjoni tal-kriminalità.

4. Il-partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tinforma lis-suġġett tad-*data* bil-miktub dwar kwalunkwe dewmien, rifjut jew restrizzjoni ta' aċċess u r-raġunijiet għal dan. Tali raġunijiet jistgħu jitħallew barra jekk u sakemm dan idgħajjef l-iskop tad-dewmien, ir-rifjut jew ir-restrizzjoni skont il-paragrafu 3. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lis-suġġett tad-*data* dwar il-possibbiltà li jressaq ilment mal-awtoritajiet superviżorji rispettivi u dwar rimedju disponibbli ieħor previst fl-oqfsa legali rispettivi tagħhom.

Artikolu 10
Dritt għal rettifika/korrezzjoni, ikkanċellar/tħassir u restrizzjoni

1. Il-partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li s-suġġett tad-data għandu d-dritt li jitlob lill-awtoritajiet kompetenti biex jikkoreġu/jirrettifikaw data personali mhux preċiża dwar is-suġġett tad-data trasferita skont dan il-Ftehim. Filwaqt li jitqiesu l-għanijiet tal-ipproċessar, dan jinkludi d-dritt li d-data personali mhux kompluta tiġi ttrasferita skont il-Ftehim.

2. Rettifika/korrezzjoni għandha tinkludi l-ikkanċellar/tħassir ta' *data* personali li ma tkunx għadha meħtieġa għall-iskop(ijiet) li għalih(om) tiġi pproċessata.

3. Il-partijiet Kontraenti jistgħu jipprovdu għar-restrizzjoni tal-ipproċessar aktar milli għall-ikkanċellar/tħassir ta' *data* personali kif imsemmi fil-paragrafu 2 jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-ikkanċellar/tħassir jista' jaffettwa l-interessi leġittimi tas-suġġett tad-*data*.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-miżuri meħuda skont il-paragrafi 1, 2 u 3. L-awtorità kompetenti li tirċievi għandha tirrettifika/tikkoreġi,

tħassar jew tirrestringi l-ipproċessar ta' tali data f'konformità mal-azzjoni meħuda mill-awtorità kompetenti li tittrasferixxi.

5. Il-partijiet Kontraenti għandhom jipprevedu li l-awtorità kompetenti tkun irċeviet it-talba biex tinforma lis-suġġett tad-*data* bil-miktub mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fi żmien tliet xhur mill-wasla ta' talba skont il-paragrafu 1 jew 2, li d-data li tikkonċerna s-suġġett tad-*data* tkun ġiet rettifikata/ikkoreġuta, ikkanċellata/imħassra jew l-ipproċessar ristrett.

6. Il-partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tkun irċeviet it-talba biex tinforma lis-suġġett tad-*data* bil-miktub, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi talba dwar kwalunkwe rifjut ta' rettifika/korrezzjoni, l-ikkanċellar/it-tħassir jew restrizzjoni tal-ipproċessar, bir-raġunijiet għal tali rifjut u bil-possibbiltà li jitressaq ilment mal-awtoritajiet superviżorji rispettivi u rimedju disponibbli ieħor previst fl-oqfsa legali rispettivi tagħhom.

Artikolu 11
Notifika ta' ksur ta' *data* personali lill-awtoritajiet ikkonċernati

1. Il-partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw, fil-każ ta' ksur ta' *data* personali li jaffettwa *data* personali trasferita skont dan il-Ftehim, li l-awtoritajiet kompetenti rispettivi jinnotifikaw lil xulxin kif ukoll lill-awtorità superviżorja rispettiva tagħhom dwar dak il-ksur mingħajr dewmien, u jieħdu miżuri biex itaffu l-effetti negattivi possibbli tiegħu.

2. In-notifika għandha mill-inqas:

   (a) Tiddeskrivi n-natura tal-ksur ta' *data* personali inklużi, fejn hu possibbli, il-kategoriji u n-numru approssimattiv tas-suġġetti tad-*data* ikkonċernati u l-kategoriji u n-numru approssimattiv ta' reġistrazzjonijiet ikkonċernati ta' *data* personali;

   (b) Tiddeskrivi l-konsegwenzi mistennija tal-ksur ta' *data* personali;

   (c) Tiddeskrivi l-miżuri meħuda jew proposti li għandhom jittieħdu mill-awtorità kompetenti biex tindirizza l-ksur tad-*data* personali, inklużi l-miżuri meħuda biex jittaffew l-effetti negattivi possibbli tiegħu.

3. Sa fejn ma jkunx possibbli li tiġi pprovduta l-informazzjoni kollha meħtieġa fl-istess ħin, din tista' tiġi pprovduta f'fażijiet. L-informazzjoni pendenti għandha tiġi pprovduta mingħajr aktar dewmien żejjed.

4. Il-partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom jiddokumentaw kwalunkwe ksur ta' *data* personali li jaffettwa d-*data* personali ttrasferita skont dan il-Ftehim, inklużi l-fatti relatati mal-ksur, l-effetti tiegħu u l-azzjoni ta' rimedju meħuda, biex b'hekk l-awtorità superviżorja rispettiva tagħhom tkun tista' tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli.

Artikolu 12
Komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali lis-suġġett tad-*data*

1. Il-partijiet Kontraenti għandhom, fejn ksur ta' *data* personali kif imsemmi fl-Artikolu 11 x'aktarx ikollu effett negattiv serju fuq id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data*, jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom jikkomunikaw il-ksur tad-*data* personali lis-suġġett tad-*data* mingħajr dewmien żejjed.

2. Il-Komunikazzjoni lis-suġġett tad-*data* skont il-paragrafu 1 għandha tiddeskrivi, fejn possibbli, in-natura tal-ksur ta' *data* personali, tirrakkomanda miżuri biex jittaffew l-effetti negattivi possibbli tal-ksur ta' *data* personali, u tipprovdi l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni.

3. Il-Komunikazzjoni lis-suġġett tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun meħtieġa jekk:

   (a) Id-*data* personali kkonċernata mill-ksur kienet soġġetta għal miżuri ta' protezzjoni teknoloġika xierqa li jagħmlu d-*data* ma tinftiehemx minn kwalunkwe persuna li ma tkunx awtorizzata li jkollha aċċess;

   (b) Ikunu ttieħdu miżuri sussegwenti li jiżguraw li d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data* x'aktarx li ma jibqgħux jiġu affettwati serjament; jew

   (c) Tali komunikazzjoni tkun tinvolvi sforz sproporzjonat, b'mod partikolari minħabba l-għadd ta' każijiet involuti. F'każ bħal dan, minflok għandu jkun hemm komunikazzjoni pubblika jew miżura simili fejn is-suġġetti tad-*data* jiġu infurmati b'mod għaldaqstant effettiv.

4. Il-Komunikazzjoni lis-suġġett tad-*data* tista' tiġi ttardjata, ristretta jew titħalla barra fejn tali komunikazzjoni x'aktarx li:

   (a) Tostakola l-inkjesti, l-investigazzjonijiet jew il-proċeduri uffiċjali jew legali;

   (b) Tippreġudika l-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, l-ordni pubbliku jew is-sigurtà nazzjonali;

   (c) Taffettwa d-drittijiet u l-libertajiet ta' partijiet terzi;

   fejn dan jikkostitwixxi miżura meħtieġa kif ukoll raġonevoli u proporzjonata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-interessi leġittimi tas-suġġett tad-*data* kkonċernat.

Artikolu 13
Il-ħażna, ir-reviżjoni, il-korrezzjoni u t-tħassir ta' *data* personali

1. Il-partijiet Kontraenti għandhom jipprovdu għal limiti ta' żmien xierqa li għandhom jiġu stabbiliti għall-ħażna ta' *data* personali riċevuta taħt dan il-Ftehim jew għal reviżjoni perjodika tal-ħtieġa għall-ħażna ta' tali data, sabiex id-*data* tinħażen biss sakemm ikun meħtieġ għall-iskop li għalih tiġi trasferita.

2. Fi kwalunkwe każ, il-ħtieġa għal ħażna kontinwa għandha tiġi riveduta mhux aktar tard minn tliet snin wara li d-*data* personali tkun ġiet trasferita, u jekk ma tittieħed l-ebda deċiżjoni ġustifikata u dokumentata dwar it-tkomplija tal-ħażna ta' *data* personali, dik id-*data* għandha titħassar awtomatikament wara tliet snin.

3. Meta awtorità kompetenti jkollha raġuni biex temmen li d-*data* personali li tkun ġiet ittrasferita preċedentement minnha ma tkunx korretta, preċiża, ma għadhiex aġġornata jew ma kellhiex tiġi ttrasferita, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti riċeventi, li għandha tikkoreġi jew tħassar id-*data* personali, u tipprovdi notifika dwar dan lill-awtorità trasferenti.

4. Meta awtorità kompetenti jkollha raġuni biex temmen li d-*data* personali li tkun irċeviet preċedentement ma tkunx korretta, preċiża, ma għadhiex aġġornata jew ma kellhiex tiġi ttrasferita, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti li tittrasferixxi, li għandha tipprovdi l-pożizzjoni tagħha dwar il-kwistjoni. Meta l-awtorità kompetenti li tittrasferixxi tikkonkludi li d-*data* personali mhijiex korretta, mhijiex preċiża, ma għadhiex aġġornata jew ma kellhiex tiġi ttrasferita, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti riċeventi, li għandha tikkoreġi jew tħassar id-*data* personali, u tipprovdi notifika dwar dan lill-awtorità trasferenti.

Artikolu 14
Reġistrazzjoni u Dokumentazzjoni

Il-partijiet Kontraenti għandhom jipprovdu għaż-żamma ta' reġistrazzjonijiet tal-ġbir, alterazzjoni, aċċess, żvelar inklużi trasferimenti ulterjuri, kombinazzjoni u tħassir ta' *data* personali.

Tali reġistrazzjonijiet jew dokumentazzjoni għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità superviżorja rispettiva fuq talba għall-fini ta' verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-*data*, l-awtomonitoraġġ u l-iżgurar tal-integrità u s-sigurtà xierqa tad-*data*.

Artikolu 15
Sigurtà tad-*data*

Il-partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi biex jipproteġu d-data personali skambjata skont dan il-Ftehim.

Fir-rigward tal-ipproċessar awtomatizzat tad-data, il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' miżuri mfassla biex:

(a). Jiċħdu l-aċċess għat-tagħmir li jipproċessa d-*data* użat għall-ipproċessar ta' data personali (kontroll tal-aċċess għat-tagħmir) lil persuni mhux awtorizzati;

(b). Jimpedixxu l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tneħħija mhux awtorizzata tal-mezzi tad-*data* (kontroll tal-mezzi tad-*data*);

(c). Jipprevjenu d-dħul mhux awtorizzat ta' data personali u l-ispezzjoni, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzati ta' *data* personali kkonservata ("kontroll tal-konservazzjoni");

(d). Jimpedixxu l-użu ta' sistemi ta' pproċessar tad-*data* awtomatizzati minn persuni mhux awtorizzati permezz ta' tagħmir tal-komunikazzjoni tad-*data* (kontroll tal-utent);

(e). Jiżguraw li l-persuni awtorizzati biex jużaw sistema awtomatizzata ta' pproċessar jkollhom aċċess biss għad-*data* personali koperta mill-awtorizzazzjoni għall-aċċess tagħhom ("kontroll tal-aċċess għad-*data*");

(f). Jiżguraw li jkun possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit lil liema korpi tista' tintbagħat, jew intbagħtet, *data* personali permezz ta' tagħmir ta' komunikazzjoni tad-*data* (kontroll tal-komunikazzjoni);

(g). Jiżguraw li jkun possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit liema *data* personali ddaħħlet f'sistemi awtomatizzati tal-ipproċessar tad-*data* u meta u minn min iddaħħlet id-data (kontroll tal-input);

(h). Jiżguraw li jkun possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit liema *data* ġiet aċċessata, minn liema membru tal-persunal u f'liema ħin (reġistru tal-aċċess);

(i). Jipprevjenu l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzati ta' *data* personali waqt it-trasferiment tad-data personali jew waqt it-trasportazzjoni tal-mezzi tad-*data* ("kontroll tat-trasport");

(j). Jiżguraw li s-sistemi installati jistgħu, f'każ ta' interruzzjoni, jiġu rranġati minnufih (irkupru);

(k). Jiżguraw li l-funzjonijiet tas-sistema jaħdmu mingħajr difett, li s-sejbien ta' difetti fil-funzjonijiet jiġi rrappurtat minnufih (affidabbiltà) u li d-*data* konservata ma tistax tiġi korrotta mid-disfunzjoni tas-sistema (integrità).

Artikolu 16
Awtorità ta' superviżjoni

1. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li jkun hemm awtorità pubblika indipendenti responsabbli għall-protezzjoni tad-data (awtorità superviżorja) biex tissorvelja kwistjonijiet li jaffettwaw il-privatezza tal-individwi, inklużi r-regoli domestiċi rilevanti skont dan il-Ftehim, sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali. Il-partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin bl-awtorità li kull wieħed minnhom iqis bħala l-awtorità ta' superviżjoni skont it-tifsira ta' dan l-Artikolu.

2. Il-partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-awtorità superviżorja taġixxi b'indipendenza sħiħa fit-twettiq tal-kompiti tagħha u fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha. Għandha taġixxi ħielsa minn influwenza esterna u la tfittex u lanqas taċċetta struzzjonijiet. Il-membri tagħha għandu jkollhom mandat sigur, inklużi salvagwardji kontra t-tneħħija arbitrarja.

3. Il-partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li kull awtorità ta' sorveljanza jkollha r-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji, il-bini u l-infrastruttura meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-kompiti tagħha u l-eżerċizzju tas-setgħat tagħha.

4. Il-partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li kull awtorità superviżorja jkollha setgħat effettivi ta' investigazzjoni u intervent biex teżerċita sorveljanza fuq il-korpi li tissorvelja, u biex tidħol fi proċeduri legali.

5. Il-partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li kull awtorità superviżorja jkollha s-setgħat li tisma' lmenti minn individwi dwar l-użu tad-*data* personali tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti taħt is-superviżjoni tagħha.

Artikolu 17
Rimedju amministrattiv u ġudizzjarju

Is-suġġetti tad-*data* għandu jkollhom id-dritt għal rimedju amministrattiv u ġudizzjarju effettiv għall-ksur tad-drittijiet u s-salvagwardji rikonoxxuti f'dan il-Ftehim li jirriżultaw mill-ipproċessar tad-data personali tagħhom. Il-partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin bil-leġislazzjoni domestika li kull wieħed minnhom jikkunsidra bħala li tipprovdi għad-drittijiet iggarantiti taħt dan l-Artikolu.

KAPITOLU III — TILWIM

Artikolu 18
Soluzzjoni ta' tilwim

It-tilwim kollu li jista' jinqala' b'konnessjoni mal-interpretazzjoni, l-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u kwalunkwe kwistjoni relatata miegħu għandhom jagħtu lok għal konsultazzjonijiet u negozjati bejn ir-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti bil-ħsieb li tintlaħaq soluzzjoni reċiprokament aċċettabbli.

Artikolu 19
Klawżola ta' sospensjoni

1. Fil-każ ta' ksur materjali jew ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligi li joħorġu mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, kull Parti Kontraenti tista' tissospendi temporanjament dan il-Ftehim kollu jew parti minnu permezz ta' notifika bil-miktub lill-Parti Kontraenti l-oħra permezz ta' mezzi diplomatiċi. Tali notifika bil-miktub ma għandhiex issir qabel ma l-Partijiet ikunu ħadu sehem f'perijodu raġonevoli ta' konsultazzjoni mingħajr ma tkun instabet soluzzjoni, u s-sospensjoni għandha ssir effettiva għoxrin jum mid-*data* tal-wasla ta' tali notifika. Sospensjoni bħal din tista' titneħħa mill-Parti Kontraenti li tkun qed tissospendi b'notifika bil-miktub lill-Parti Kontraenti l-oħra. Is-sospensjoni għandha titneħħa immedjatament malli tasal tali notifika.

2. Minkejja kwalunkwe sospensjoni ta' dan il-Ftehim, id-*data* personali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u li tkun ġiet trasferita qabel is-sospensjoni tiegħu għandha tkompli tiġi pproċessata b'konformità ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 20
It-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim

1. Dan il-Ftehim jista' jiġi tterminat fi kwalunkwe ħin minn waħda mill-Partijiet Kontraenti permezz ta' notifika bil-miktub permezz ta' mezzi diplomatiċi, b'avviż ta' tliet xhur.

2. Id-data personali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u li tiġi ttrasferita qabel it-terminazzjoni tiegħu għandha tkompli tiġi pproċessata f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim fil-mument tat-terminazzjoni.

3. F'każ ta' terminazzjoni, il-Partijiet Kontraenti għandhom jilħqu ftehim dwar it-tkomplija tal-użu u l-ħżin tal-informazzjoni li tkun diġà ġiet ikkomunikata bejniethom.

KAPITOLU IV - DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 21
Relazzjoni ma' strumenti internazzjonali oħra

1. Dan il-Ftehim ma għandux jippreġudika jew b'xi mod ieħor jaffettwa jew ikollu impatt fuq id-dispożizzjonijiet legali fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni previst minn kwalunkwe Trattat ta' Assistenza Legali Reċiproka, kwalunkwe ftehim jew arranġament ieħor ta' kooperazzjoni, jew relazzjoni ta' ħidma għall-infurzar tal-liġi għall-iskambju ta' informazzjoni bejn New Zealand u kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

2. Dan il-Ftehim għandu jikkomplementa l-Arranġament ta' Ħidma li jistabbilixxi relazzjonijiet kooperattivi bejn il-Pulizija ta' New Zealand u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi.

Artikolu 22
Implimentazzjoni tal-Arranġament Amministrattiv

Id-dettalji tal-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti kif xieraq biex jiġi implimentat dan il-Ftehim għandhom ikunu s-suġġett ta' arranġament amministrattiv ta' implimentazzjoni konkluż bejn l-Europol u l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand, f'konformità mar-Regolament dwar l-Europol.

Artikolu 23
Arranġament Amministrattiv dwar il-Kunfidenzjalità

L-iskambju ta' informazzjoni klassifikata tal-UE, jekk meħtieġ skont dan il-Ftehim, għandu jkun regolat minn Arranġament Amministrattiv dwar il-Kunfidenzjalità konkluż bejn l-Europol u l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand.

Artikolu 24
Punt ta' kuntatt nazzjonali u Uffiċjali ta' Kollegament

1. In-New Zealand għandha taħtar punt ta' kuntatt nazzjonali biex jaġixxi bħala l-punt ċentrali ta' kuntatt bejn il-Europol u l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand. Il-kompiti speċifiċi tal-punt ta' kuntatt nazzjonali għandhom jiġu elenkati fl-arranġament amministrattiv implimentattiv skont l-Artikolu 22(1). Il-punt ta' kuntatt nazzjonali magħżul għan-New Zealand huwa indikat fl-Anness IV.

2. Il-Europol u New Zealand għandhom itejbu l-kooperazzjoni tagħhom kif stabbilit f'dan il-Ftehim permezz tal-iskjerament ta' uffiċjal (i) ta' kollegament minn New Zealand. Il-Europol tista' tiskjera uffiċjal(i) ta' kollegament fi New Zealand.

Artikolu 25
Spejjeż

Il-partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jġarrbu l-ispejjeż tagħhom stess, li jinqalgħu matul l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-Ftehim jew fl-arranġament amministrattiv.

Artikolu 26
Notifika ta' implimentazzjoni

1. Kull Parti Kontraenti għandha tipprovdi li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jagħmlu disponibbli għall-pubbliku dokument li jistabbilixxi f'forma intelliġibbli d-dispożizzjonijiet dwar l-ipproċessar ta' *data* personali trasferita taħt dan il-Ftehim inklużi l-mezzi disponibbli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li kopja ta' dak id-dokument tiġi nnotifikata lill-Parti Kontraenti l-oħra.

2. Meta ma jkunux diġà fis-seħħ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jadottaw regoli li jispeċifikaw kif il-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-ipproċessar tad-data personali se tiġi infurzata fil-prattika. Kopja ta' dawn ir-regoli għandha tiġi nnotifikata lill-Parti Kontraenti l-oħra u lill-awtoritajiet superviżorji rispettivi.

Artikolu 27
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu jkun approvat mill-Partijiet Kontraenti skont il-proceduri interni tagħhom.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-wasla tal-aħħar notifika bil-miktub li permezz tagħha l-Partijiet Kontraenti jkunu nnotifikaw lil xulxin permezz ta' mezzi diplomatiċi li l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 ikunu tlestew.

3. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara d-data meta l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ġew sodisfatti:

   (a) L-arranġament amministrattiv ta' implimentazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 22 sar applikabbli; kif ukoll

   (b) Il-partijiet Kontraenti nnotifikaw lil xulxin li l-obbligi stabbiliti f'dan il-Ftehim ġew implimentati, inkluż kif stabbilit fl-Artikolu 26, u li n-notifika ġiet aċċettata.

4. Il-partijiet Kontraenti għandhom jiskambjaw notifiki bil-miktub li jikkonfermaw it-twettiq tal-kondizzjonijiet ta' hawn fuq permezz ta' mezzi diplomatiċi.

Artikolu 28
Emendi u supplimenti

1. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat bil-miktub, fi kwalunkwe ħin b'kunsens reċiproku bejn il-Partijiet Kontraenti permezz ta' notifika bil-miktub skambjata permezz ta' mezzi diplomatiċi. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ skont l-istess proċedura legali preskritta skont il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 27.

2. L-Annessi għal dan il-Ftehim jistgħu jiġu aġġornati, kif meħtieġ, permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi. Tali aġġornamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 27.

3. Il-partijiet Kontraenti għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet fir-rigward tal-emendar ta' dan il-Ftehim jew l-Annessi tiegħu fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet.

Artikolu 29
Reviżjoni u Evalwazzjoni

1. Il-partijiet Kontraenti għandhom jirrevedu b'mod konġunt l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim sena wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, u f'intervalli regolari minn hemm' il quddiem, u addizzjonalment jekk mitluba minn waħda mill-Partijiet u deċiżi b'mod konġunt.

2. Il-partijiet Kontraenti għandhom jevalwaw dan il-Ftehim b'mod konġunt erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

3. Il-partijiet Kontraenti għandhom jiddeċiedu minn qabel dwar il-modalitajiet tar-reviżjoni ta' l-implimentazzjoni tal-Ftehim u għandhom jikkomunikaw lil xulxin il-kompożizzjoni tat-timijiet rispettivi tagħhom. It-timijiet għandhom jinkludu esperti rilevanti dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-infurzar tal-liġi. Soġġett għal-liġijiet applikabbli, il-parteċipanti kollha f'rieżami għandhom ikunu mitluba li jirrispettaw il-kunfidenzjalità tad-diskussjonijiet u jkollhom awtorizzazzjonijiet ta' sigurtà xierqa. Għall-finijiet ta' kwalunkwe reviżjoni, in-New Zealand u l-Unjoni Ewropea għandhom jiżguraw aċċess għad-dokumentazzjoni, is-sistemi u l-persunal rilevanti.

Artikolu 30
Applikabbiltà territorjali

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju li fih u sa fejn ikun applikabbli t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għat-territorju ta' New Zealand.

2. Dan il-Ftehim se japplika biss għat-territorju tad-Danimarka jew l-Irlanda jekk l-Unjoni Ewropea tinnotifika lil New Zealand bil-miktub li d-Danimarka jew l-Irlanda għażlu li jintrabtu b'dan il-Ftehim.

3. Jekk l-Unjoni Ewropea tinnotifika lil New Zealand qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li se japplika għat-territorju tad-Danimarka jew l-Irlanda, dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju ta' tali Stat Membru fl-istess jum li dan il-Ftehim japplika għall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

4. Jekk l-Unjoni Ewropea tinnotifika lil New Zealand wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, li japplika għat-territorju tad-Danimarka jew l-Irlanda, dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju ta' tali Stat Membru 30 jum wara d-data tan-notifika.

Magħmul fi , fi f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Isvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż, b'kull test ugwalment awtentiku.

Għal **New Zealand**	Għall-**UE**

ANNESS I – OQSMA TA' KRIMINALITÀ

Reati kriminali kif definiti fl-Artikolu 2(e) huma:

– terroriżmu,

– kriminalità organizzata,

– traffikar tad-drogi,

– attivitajiet ta' ħasil tal-flus,

– kriminalità marbuta ma' sustanzi nukleari u radjuattivi,

– faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' immigranti,

– traffikar ta' bnedmin,

– kriminalità marbuta ma' vetturi,

– qtil, offiża gravi fuq il-persuna,

– kummerċ illegali ta' organi u tessuti tal-bniedem,

– ħtif, żamma kontra r-rieda u teħid ta' ostaġġi,

– razziżmu u ksenofobija,

– serq u serq aggravat,

– traffikar illeċitu fi prodotti tal-kultura, inklużi oġġetti antiki u xogħlijiet artistiċi,

– imbrolju u frodi,

– Kriminalità kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni

– Abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq finanzjarju

– racketeering u estorsjoni,

– falsifikazzjoni u piraterija tal-prodotti,

– falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u traffikar tagħhom,

– falsifikazzjoni ta' flus u mezzi ta' ħlas,

– kriminalità relatata mal-kompjuter,

– korruzzjoni,

– traffikar illeċitu f'armi, munizzjoni u splussivi,

– traffikar illeċitu fi speċijiet ta' annimali fil-periklu,

– traffikar illeċitu fi speċijiet u varjetajiet ta’ pjanti fil-periklu,

– reati ambjentali, inkluż it-tniġġis mill-bastimenti,

– traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promoturi oħra tat-tkabbir,

– abbuż sesswali u sfruttament sesswali, inkluż materjal marbut mal-abbuż tat-tfal u t-tħajjir tat-tfal għal finijiet sesswali,

– ġenoċidju, kriminalità kontra l-umanità u kriminalità tal-gwerra.

Il-forom ta’ kriminalità msemmija f’dan l-Anness għandhom jiġu vvalutati mill-awtoritajiet kompetenti ta’ New Zealand skont il-liġi ta’ New Zealand.

ANNESS II – AWTORITAJIET KOMPETENTI TA' NEW ZEALAND U L-KOMPETENZI TAGĦHOM

L-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand li lilhom l-Europol jista' jittrasferixxi d-data huma kif ġej:

Awtorità
Il-Pulizija ta' New Zealand (bħala l-awtorità prinċipali kompetenti)
New Zealand Customs Service
Is-servizz tal-Immigrazzjoni ta' New Zealand

ANNESS III – LISTA TA' KORPI TAL-UNJONI

Missjonijiet/Operazzjonijiet ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, limitati għall-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi

Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)

Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO)

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

ANNESS IV – PUNT TA' KUNTATT NAZZJONALI

Il-punt ta' kuntatt nazzjonali għan-New Zealand biex jaġixxi bħala l-punt ċentrali ta' kuntatt bejn l-Europol u l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand huwa b'dan maħtur bħala

Il-Pulizija ta' New Zealand

New Zealand se jkollha d-dmir li tinforma lill-Europol f'każ li jinbidel il-Punt ta' Kuntatt.